Qorti tal-Maġistrati (Malta)

# RIK NRU 153/2021 GĦAR-REVOKA TAL-MANDAT TA' SEKWESTRU KAWTELATORJU NUMRU 1117/2020 FL-ISMIJIET: **JONATHAN MUSCAT BARON (K.I. 0202880M) V. MAXIME CHARLES VEILLET LA VALLE (K.I. 189587A)**

(REVOKA TA' MANDAT KAWTELATORJU – KAP. 12 ART. 836(1)(A) – PENALI AI TERMINI TAL-KAP. 12 ART. 836(8)(A))

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**13 ta' Lulju 2021**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Maxime Charles Veillet La Valle ("ir-rikorrent sekwestrat" jew "ir-rikorrent") ippreżentat fit-3 ta' Ġunju 2021,

wara li rat ir-risposta ta' Jonathan Muscat Baron ("l-intimat sekwestrant" jew "l-intimat") ippreżentata fil-25 ta' Ġunju 2021[1],

ai termini tal-Art. 836(4) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta qed tagħti dan id-

## Digriet *in camera*

1. Ir-rikorrent talab lill-Qorti tirrevoka l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1117/2020 maħruġ fl-ismijiet premessi a tenur tal-Art. 836(1)(a) tal-Kap. 12 u kif ukoll sabiex timponi penali lill-intimat ai termini tal-Art. 836(8)(a) tal-Kap. 12.

[1] Fol 13

2. L-intimat min-naħa tiegħu talab li din il-Qorti tiċħad it-talbiet tar-rikorrent u żżomm il-mandat kawtelatorju in kwistjoni fis-seħħ.

**Proċeduri għal revoka ta' mandat kawtelatorju taħt l-Art. 836 tal-Kap. 12**

3. L-eżami li għandha tagħmel il-Qorti fi proċeduri ta' din ix-xorta huwa wieħed *prima facie* u dan għaliex eżami approfondit tal-mertu tal-kawża suppost għandu isir fil-kawża proprja. F'dan il-każ partikolari, il-kawża baqgħet ma' nfetħitx entro t-terminu stipulat mill-liġi u dan in-nuqqas filfatt jifforma l-bażi tat-talbiet tar-rikorrenti.

**Proċeduri għal revoka ta' mandat kawtelatorju taħt l-Art. 836(1)(a) tal-Kap. 12**

4. Permezz tal-mandat kawtelatorju in kwistjoni l-intimat sekwestrant ried iqiegħed fiż-żgur pretensjoni ta' kreditu ta' €9,125 rappreżentanti allegat ħlas ta' kirja skond kuntratt ta' lokazzjoni datat 6 ta' Mejju 2019.

5. Ir-rikorrent sekwestrat jgħid illi dan il-mandat kawtelatorju għandu jitħassar għaliex ai termini tal-Art. 836(1)(a) tal-Kap. 12 *"l-att kawtelatorju m'għadux iktar fis-seħħ"* u dan minħabba li l-intimat sekwestrant naqas milli jintavola kawża fiż-żmien stipulat mill-liġi ai termini tal-Art. 833A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

6. L-Art. 833A imsemmi jgħid hekk:

   *'833A. Meta tiġi preżentata u konfermata bil-ġurament ittra uffiċjali skont l-artikolu 166A, jistgħu minnufih wara jiġu preżentati u konfermati bil-ġurament il-mandati kawtelatorji msemmijin fl-artikolu 830(1)(a), (b) u (d):*

   *Iżda meta tiġi preżentata dik l-ittra uffiċjali, ir-rikorrent għandu jippreżenta rikors ġuramentat jew rikors jew talba, skont il-każ, fi żmien għoxrin ġurnata mid-data tal-preżentata ta' nota ta' kontestazzjoni sħiħa jew parzjali jew inkella fi żmien sittin ġurnata mid-data tal-ħruġ ta' mandat, jekk ma jkunx hemm nota ta' kontestazzjoni, skont liema data tiġi l-ewwel:*

   *Iżda wkoll ma jkun hemm l-ebda ħtieġa ta' rikors ġuramentat jew rikors jew talba, skont il-każ, f'każ li l-mandat kawtelatorju jiġi kkonvertit f'wieħed eżekuttiv jew jiġi mneħħi permezz ta' kontro-mandat.'*

7. Jirriżulta lill-Qorti minn aċċertamenti ulterjuri magħmula minnha fir-rigward ta' atti pubbliċi ppreżentati fir-Reġistru tal-Qrati Ċivili u Tribunali, liema aċċertamenti jikkonfermaw it-teżi tar-rikorrent sekwestrat, illi fl-1 ta' Settembru 2020 l-intimat

sekwestrant ippreżenta ittra uffiċjali taħt l-Art. 166A kontra r-rikorrent sekwestrat flimkien mal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1117/2020. Fis-17 ta' Settembru 2020 ġiet intavolata nota risponsiva fl-atti tal-istess ittra uffiċjali. B'hekk l-ewwel u l-iktar terminu kmieni li matulu l-intimat sekwestrant kellu jressaq l-kawża kien dak ta' għoxrin ġurnata mid-data ta' din il-kontestazzjoni, ossia' sas-7 ta' Ottubru 2020.

8. Jirriżulta lill-Qorti illi l-kawża baqgħet ma' nfetħitx sal-ġurnata tal-lum, fatt li *del resto* ġie ammess ukoll mill-intimat sekwestrant fir-risposta tiegħu.

9. Il-Qorti, anke jekk ma' kellha l-ebda obbligu tagħmel dan ai termini tal-Art. 836(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat in-notifika lill-intimat sekwestrant bir-rikors odjern magħmul mir-rikorrent sekwestrat u tatu żmien sebat ijiem biex jippreżenta n-nota responsiva tiegħu.

10. Sfortunatament in-nota responsiva tal-intimat ma' fiha l-ebda sottomissjoni li tista' tittieħed bis-serjetà minn din il-Qorti mhux biss għaliex f'ħafna partijiet tagħha n-nota nfusha b'mod stramb għall-aħħar tieħu s-sura ta' digriet/sentenza maħruġa minn xi Qorti, iżda oltre minn hekk, fil-partijiet fejn in-nota tieħu s-sura ta' risposta għar-rikors intavolat mir-rikorrent sekwestrat, jidher illi din saret fir-rigward tal-kawżali taħt l-Art. 836(1)(f), liema kawżali mhijiex qed tiġi invokata fil-kawża odjerna.

11. Il-Qorti tara illi darba l-kawża ma' ġietx intavolata fiż-żmien preskritt mill-liġi, l-effetti tal-mandat kawtelatorju in kwistjoni waqfu u dan ai termini tal-Art. 843(2) tal-Kap. 12 li huwa reż applikabbli għall-mandati ta' sekwestru kawtelatorji bis-saħħa tal-Art. 849 tal-Kap. 12. Għalhekk huwa minnu illi ai termini tal-Art. 836(1)(a) tal-Kap. 12 *"l-att kawtelatorju m'għadux iktar fis-seħħ"* u l-Qorti ma' tistax ħlief li permezz ta' dan id-digriet tordna formalment ir-revoka tiegħu.

**Penali mitluba**

12. Apparti t-talba tiegħu għat-tħassir tal-mandat, ir-rikorrent talab ukoll li l-Qorti tikkundanna lill-intimat sabiex iħallsu penali ta' mhux inqas minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€ 1,164.69) u mhux iżjed minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il ċenteżmu (€ 6,988.12) taħt l-Art. 836(8)(a) tal-Kap. 12 minħabba li l-intimat ma għamilx il-kawża dwar it-talba fiż-żmien stabbilit bil-liġi u dan mingħajr raġuni valida.

13. Fid-digriet mogħti fl-ismijiet: "**Carmel Farrugia et v. Charmaine Farrugia pro et noe**" (660/2012 JRM, 2 ta' Awwissu 2012) il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili qalet kif ġej dwar l-artikolu 836(8) tal-Kap. 12:

"*Illi dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltativa. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultativa, irid jintwera għas-sudisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi, iżda biżżejjed li tirriżulta waħda minnhom biex il-Qorti tista' taċċetta li tqis it-talba għall-kundanna tal-ħlas tal-penali.*

*Dwar din id-diskrezzjoni ngħad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirriżultaw l-estremi li l-liġi teżiġi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss tagħżel li ma timponix il-penali maħsuba fl-artikolu 836(8) f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk kien jimponilha.*

*Il-penali maħsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura serjeta' fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż"*

14. Fin-nota responsiva tiegħu l-intimat sekwestrant spjega li *"l-aġir raġjonevoli tal-Attur li ma' fetaħx kawża stante illi ma' riedx jaggrava l-kwestjoni aktar minn hekk issa ser tintuża kontrih sabiex ineħħi l-mandat ta' sekwestru. Bid-dovut rispett kollu jekk il-konvenut irid ineħħi l-mandat ta' sekwestru imessu wera raġuni u ħallas l-ammont illi hemm dovut fuq kera tal-fond per se minn fejn oriġina din il-kawtela u mhux telaq u ġie jaqa u jqum u mar jikri ħanut ieħor ... Il-fatt illi persuna li tkun allegatament moruża fil-kirja għal ammont sostanzjali kif inhu dan il-kas, ma' jfissirx b'daqshekk li tkun ħelset mir-responsabilta tagħha sempliċiment għaliex ma' nfetħitx kawża fiż-żmien kif konċess mill-liġi. Inoltre fir-rigward tat-talba tal-konvenut għall-penali minħabba li skond huwa l-mandat sar b'malizzja stante illi ma' ġiex segwit b'kawża fiż-żmien konċess mill-liġi huwa għal kollox frivolu u vessatorja, il-Qorti tqis li m'hemm xejn malizzjuż, frivolu jew vessatorja, tal-inqas mad-daqqa t'għajn fit-talba tar-rikorrenti""*

15. Il-Qorti għal darb' oħra bir-rispett kollu dovut lejn l-intimat sekwestrant – u hawnhekk il-Qorti qegħda tkun xi ftit ġeneruża fl-għażla tal-kliem tagħha – ma'

tarax kif dawn is-sottomissjonijiet jistgħu b'xi mod remot jistgħu jitqiesu bħala ġustifikazzjoni għall-fatt illi l-intimat naqas milli jintavola l-kawża fiż-żmien preskritt mil-liġi. Inoltre kuntrarjament għal dak allegat mill-intimat, r-rikorrent mhuwiex qiegħed jgħid li l-intimat għandu jiġi kkundannat iħallas penali għaliex it-talba tiegħu saret b'malizzja jew hija frivola jew vessatorja taħt l-Art. 836(8)(d) tal-Kap. 12 iżda sempliċiment li l-penali għandha tiġi imposta għaliex l-intimat mingħajr raġuni valida ma' ppreżentax il-kawża fit-terminu preskritt mill-liġi u dan taħt l-Art. 836(8)(a) tal-Kap. 12.

16. Il-Qorti tħoss illi fiċ-ċirkustanzi tal-każ odjern hemm każ lampanti ta' ksur ta' proċedura u abbuż mill-għodda proċedurali li l-leġislatur jafda lil kreditur, liema għodda għandha tintuża in bwona fede u bi prudenza u mhux b'mod laxk u menefregista u mingħajr l-iċken rispett għad-dettami tal-liġi. L-intimat seta' faċilment *da sua sponte* intavola kontromandat (mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tiegħu fil-mertu) sabiex ineħħi l-mandat kawtelatorju *de quo* meta huwa rċieva r-rikors mingħand ir-rikorrent sekwestrat. Li kieku għamel dan il-Qorti kienet iktar iva milli le tikkunsidra li forsi seta' kien hemm *lapsus* ġenwin mill-intimat li wasslu sabiex "jinsa" li jintavola l-kawża fiż-żmien prefiss mill-liġi. Il-fatt però illi huwa baqa' jinsisti li l-mandat jibqa' fis-seħħ **anke wara** illi rċieva r-rikors in kwistjoni turi lill-Qorti illi l-intimat ma' japprezzax biżżejjed is-serjeta' li għandha tiġi addottata meta wieħed jintavola mandat kawtelatorju.

17. Għalhekk il-Qorti tħoss li hemm raġuni tajba biżżejjed sabiex l-intimat jiġi kkundannat iħallas lir-rikorrent, penali fl-ammont minimu ta' elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€ 1,164.69) ai termini tal-Art. 836(8)(a) tal-Kap. 12.

18. Fir-rigward tat-tieni, tielet u ħames talba tar-rikorrent, il-Qorti tara li dawn huma superfluwi ġaladarba ma' hemmx il-ħtieġa li jiġi intavolat xi kontromandat jew li ikun hemm xi ordni ulterjuri sabiex jingħata effett għad-digriet li ser tagħti din il-Qorti għar-rexissjoni tal-mandat kawtelatorju in kwistjoni.

**Deċiżjoni**

19. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi minn dan ir-rikors billi:**

    1. **tilqa' l-ewwel talba u tirrevoka l-mandat kawtelatorju bin-numru 1117/2020 fl-ismijiet premessi stante illi dan l-att kawtelatorju m'għadux iktar fis-seħħ ai termini tal-Art. 836(1)(a) tal-Kap. 12**.

2. **tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni, tielet u l-ħames talba stante illi dawn huma superfluwi,**

3. **tilqa' r-raba talba u tikkundanna lill-intimat sekwestrant iħallas lir-rikorrent sekwestrat penali fl-ammont ta' elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€ 1,164.69) ai termini tal-Art. 836(8)(a) tal-Kap. 12.**

20. **L-ispejjeż ta' din il-proċedura jitħallsu kollha kemm huma mill-intimat sekwestrat.**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y.M. Pace |
| Maġistrat | Dep. Reġistratur |